**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

Il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 47.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 47.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 47.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 47.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta preċedenti, seduta numru 45, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 47.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Daniel Zerafa issekonda il-minuti ta' seduta 45 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 47.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett. |
| 47.3 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa b'urġenza |
| 47.3.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 46 "Laqgha b'urġenza", kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 47.3.2 | Is-Sur Horace Gauci ppropona u s-Sa Janice Chetcuti issekondat il-minuti ta' seduta 46 "Laqgha b'urġenza", u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 47.3.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti tal-Laqgha b'urġenza bħala dokument korrett. |
| 47.4 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 47.4.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fis-16 ta' Jannar, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' Project Malta rigward il-progett tal-*Car Park* il-ġdid bħala parti mir-*Regeneration Plan*. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rappreżentant minn Transport Malta kellu jkun preżenti wkoll ghax kellhom jiġu diskussi t-toroq li kellhom jinfetħu f'Marsaxlokk, però din il-persuna ma attendietx għal-laqgħa għax ma kelliex biżżejjed informazzjoni f'dan ir-rigward. |
| 47.4.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fis-17 ta' Jannar, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda żewġ laqgħat ma' Transport Malta, l-Enemalta, kif ukoll mal-Water Services Corporation sabiex titranġa s-sitwazzjoni tat-transport u jkun hemm aktar ordni sakemm issir il-ħidma neċessarja fit-toroq ta' Marsaxlokk. Is-Sindku spjega kif intlahaq ftehim li l-Enemalta kienet ħa tagħti l-konkos fejn tkun ikkonkludiet ix-xogħolijiet tagħha, sabiex il-WSC ikomplu x-xogħol. Is-Sindku spjega wkoll kif l-Enemalta kienet lesta sabiex tgħaddi l-flus tat-tarmac lill-Transport Malta għal dawn it-toroq f'Marsaxlokk, sabiex malli jlestu l-WSC, Transport Malta tkompli bit-tarmac.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward il-ħsieb tal-protesta li kellha ssir il-Ħadd 21 ta' Jannar 2018 f'dan ir-rigward. Is-Sindku żied biex jinforma lill-Kunsilliera permezz ta' talba mill-Enemalta biex ssir konferenza stampa mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk sabiex il-pubbliku jkun jaf li l-Enemalta għalqet ix-xogħol tagħha fil-ħin. |

| | |
|---|---|
| 47.4.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2018 kien attenda Tribunal tal-MEIB rigward l-applikazzjoni dwar estenzjoni ta' ħinijiet ta' ftuħ mit-*Tex Mex Restaurant, Grill and Bar*. Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm is-sid tal-istess stabbiliment jarma l-post b'apparat li jkun *sound proof* u jkun ukoll iċċertifikat minn Inġinier. |
| 47.4.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li flimkien mas-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa li saret mal-MEIB fejn ġie diskuss il-lokazzjoni r-riorganizzazzjoni tal-Monti tal-Ħadd f'Marsaxlokk. Is-Sindku spjega kif għad m'hemm xejn finalizzat f'dan ir-rigward. |
| 47.4.5 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera preżenti li attenda għal laqgħa flimkien ma' Project Malta, il-Periti ta' Edwin Mintoff u Shangai Electric. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ġie diskuss l-interess ta' proġett tal-pannelli għal fuq il-*CarPark* il-ġdid. Is-Sindku spjega li jekk jiġi deċiż li jsiru l-pannelli jkun irid jinħareġ tender fir-rigward ta' dan il-proġett. |
| 47.5 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 47.5.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Rigward l-istage tal-linja ta' Triq Ġulinu Maniscalco mitlub minn Annie Zerafa". Is-Sur Steven Grech spjega kif l-ilment li għadda s-Sur Stephen Caruana f'isem is-Sa Annie Zerafa fis-seduta preċedenti kien issolva. |
| 47.5.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-Barrier tal-Pjazza"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li jinġabru kemm *quotations* biex titranġa l-*barrier* li diġà hemm kif ukoll *quotations* oħra għal waħda ġdida. |
| 47.5.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Is-siġar taż-żebbuġ ta' Triq il-Post Ruman?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-ewwel trid tiġi diskussa l-istima tal-bankini qabel ma s-sigar jinqalgħu u jitħawwlu band'oħra. |
| 47.5.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Bye-Law tal-Iskalien?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li tinżamm laqgħa mal-Koperattivi tas-Sajd għall-konsultazzjoni. |
| 47.5.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Triq Lepanto ma' Triq Kavallerizza?" Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li f'dan ir-rigward kellha ssir laqgħa ma' Transport Malta u Project Malta nhar it-19 ta' Jannar 2018. |
| 47.5.6 | Is-Sur Sreven Grech staqsa "Il-Konolli ta' max-Xatt (Bollards)?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li intbgħatet rikjesta lill-UIF u qed jistenna risposta biex jara jekk il-*bollards* tax Xatt jistgħux isiru minn dawn il-fondi. |
| 47.5.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa "L-imwejjed u s-siġġijiet tax-Xatt?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill Lojkali għandu jikteb lill-Ministru konċernat u jiġi diskuss il-*Master Plan*. |
| 47.5.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-karrijjiet mitluqin?" Din il-mistoqsijja ġiet diskussa f'punt 47.5.4 fejn issemmiet il-Bye-Law tal-Iskalien. |
| | |

| 47.6 | Rapporti |
|---|---|
| 47.6.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ġie infurmat rigward l-ispiża tal-manutenzzjoni tal-CarPark il-ġdid f'Marsaxlokk. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li d-Dipartiment għad irid jevalwa l-figuri korretti tan-nefqa tal-Kunsill, inkluż l-allokazzjoni tal-Gvern.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand is-Sa Joyce Darmanin rigward xogħol li qed isir f'Port Ruman sabiex tiġi infurmata jekk ix-xogħol hux qed isir mill-Gvern jew mill-Privat. Is-Sa Darmanin irrapurtat ukoll friża li ġiet mormija quddiem l-istabbiliment ta' Nostra Padrona. Għall-ewwel mistoqsijja s-Sinku spjega li milli jidher ix-xogħol qed jagħmlu s-sid skont il-liġi. Għat-tieni mistoqsija s-Sindku issuġerixxa li l – friża tiġi miġbura mal-Bulky Refuse.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'korrispondenza minn Care Malta sabiex anzjan li jieħu inizjattiva fil-lokalità għall-ġid ta' oħrajn jiġi nominat għal dan il-premju. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sa. Lina French għandha tkun nominata għal dan il-premju.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza mingħand is-Sur Trevor Zahra li qed jorganizza serati ta' qari varjati bla ħlas fil-lokalitajiet. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jistieden lis-Sur Trevor Zahra biex issir attività fil-lokalità qrib Jum Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Bugeja fejn ilmenta rigward it-transport tal-linja bir-rotot 81, 85 u 210.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mibgħuta mingħand il-GreenMT fejn irringrazjaw lill-Kunsill Lokali tal-assistenza li inatghat għal Tetra għall-Istrina.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza mingħand is-Sur Thomas Debono ta' Transport Malta rigward il-Bus Stop ta' Xatt is-Sajjieda.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza minn Transport Malta rigward permess li ġie mitlub minn klijent li jabita f'Port Ruman u li Transport Malta qatt ma rċeviet tali rikjesta mingħand il-Kunsill Lokali.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza mingħand s-Sa Anna Maria Grima sabiex jingħata permess biex jinġibdu biċċiet ta' filmat f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jingħata aktar informazzjoni f'dan ir-rigward.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati li żewg kompjuters tal-iskrivani tal-Kunsill kellhom bżonn jinbidlu u jiġu upgraded sabiex ix-xogħol ikun aktar effiċjenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż u approvat li l-kompjuters għandhom jinbidlu.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/04153/17, PA/10679/17, PA/10721/17, PA/10748/17, PA/10727/17, PA/10799/17, PA/10832/17, RG/03017/17, PA/08017/17, PA/09450/17, PA/10603/17, PA/10586/17. |

| | |
|---|---|
| | Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dawk innumerati PA/04153/17 u PA/10679/17, li għalihom il-Kunsill Lokali kellu jirreġistra l-interess. |
| 47.7 | Mozzjonijiet |
| 47.7.1 | Ma kienx hemm. |
| 47.8 | Approvazzjoni tal-Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv |
| 47.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda l-Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Performance Bonus għas-sena 2017 għandu jinagħta l-massimu ta 10%. Is-Segretarju Eżekuttiv irrigrazzja lill-Kunsilliera preżenti. |
| 47.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 47.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 01/18 ) għall-approvazzjoni. |
| 47.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 47.11 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2018 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 15 ta' Frar 2018.

IFFIRMATA

___________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

___________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv